**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 134 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Sebastian Polidano**

Illum 16 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, Sebastian Polidano detenur tal-karta tal-identita Maltija 163595 M, gie imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u akkuzat talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigi akkuzat talli fil-kapacita tieghu personali u/jew bhala direttur ta' SP Building Material Limited u persuna li jahdem f 175, Triq San Mikiel, Birzebbbugia nhar is-6 ta' Mejju 2022 matul il-gurnata u/jew fil-gimghat u/jew fix-xahar ta' qabel nqas milli ihares is-sahha u sigurta' ta' l- impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir dan billi nqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' artikoli 6 (10 (2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jahdem naqas li jara li xoghol fl-gholi jkun ppjanat sew u jiehu mizuri xierqa u sufficjenti biex jipprevjeni waqghat minn distanzi li jistghu jikkawzaw dannu personali. Naqas li jara li xoghol fil-gholi jitwettaq biss b'taghmir xieraq jew li jintuzaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bhal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma uzati, dawn ghandhom ikunu solidi, gholjin bizzejjed u jkollhom almenu zokklu, poggaman principali u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti.

   Naqas li jara protettiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandu jigu mwahhla madwar garigor, turgien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fethiet u f'xi oqsma ohra kollha fejn kollha fejn persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawza hsara personali, jew li jaqghu gewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-gharqa jew korriment serju. Naqas li jara Prottetiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' gholi adegwat u ta' sahha adegwata ghall-iskop li huma uzati u dan ai termini ta' Art 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz.II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

3. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jahdem naqas milli jobdi ordni ta' ufficjal, ordni moghtija bil-miktub li ggib id-data tas-6 ta' Mejju 2022, biex tissalvargwardja s-sahha u s-sigurta fuq il-post tax- xoghol u dan ai termini ta' artikolu 17 (1) ta' Att XXVII/2000.
4. Fl-istess zminijiet, lok, cirkostanzi bhala persuna li jahdem nqas milli javza lil Jobplus dwar l-impjeg ta' persuni u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Fl-istess cirkostanzi, bhala principali mpjegajt xi persuna li ma kinitx cittadina ta' Malta u lanqas kellha permess wahdieni u licenzja ta' mpjieg, ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti sabet lill-*qua* imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament illiberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sebastian Polidano, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tikkonferma is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-28 ta' Frar, 2023, fil-parti fejn sabet lill-appellat Sebastian Polidano mhux hati tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, u thassarha u tirrevokaha fejn illiberatu mill-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet dedotta kontrih, u minflok tghaddi biex issib htija u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant Sebastian Polidano li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**(D) L-AGGRAVJU:**

Illi l-esponenti Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza nhar nhar it-13 ta' Marzu 2023 u hassu aggravat bihom.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa car u manifest u dan kif ser jigi spjegat kif gej:

*APPREZZAMENT HAZIN TAL-PROVI*

Illi preliminarjament jigi rilevat illi tali appell qieghed jigi interpost ai termini tal-Art. 38(7) tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol (Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta) li jtenni kif gej: *Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali ghandu dejjem ikollu dritt ghal appell minn kull decizjoni moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) dwar procedimenti ghal reat kontra dan l-Att jew regolamenti maghmula taht dan l-Att*, u ghaldaqstant tali appell qieghed jigi limitat ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra l- imputat bi ksur tal-Kap. 424 u regolamenti maghmula taht l-istess att;

Illi fil-kaz odjern, l-appellat Sebastian Polidano gie lliberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu minhabba illi l-Ewwel Qorti tenniet illi ma tressqux haddiema li gew identifikati fuq is-sit bil-ghan li jiddeponu dwar min huwa l-persuna li thaddimhom, u qieset illi dak li xehed fuqu r-rapprezentant tal-Awtorità koncernata, kien ibbazat fuq kliem haddiehor - u *cjoe detto del detto* - li jitqies bhala inammissibbli quddiem Qrati ta' kompetenza kriminali;

Illi, ghalkemm huwa minnu illi ma tressqux il-haddiema li gew identifikati fuq is-sit mertu tal-kaz odjern, u liema fatt mhuwiex kontestat, inizialment, l-esponenti jaghmel riferenza ghal Art. 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi *B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar*;

Illi fil-kaz odjern, ghandna sitwazzjoni fejn ghandna verzjoni wahda ta' xhud u cjoe ta' Ufficjal impjegat mal-Awtorità koncernata, li xoghlu huwa specifikament illi jaghmel spezzjonijiet fuq siti bhal dawk in kwistjoni u fejn jara illi jkun hemm nuqqasijiet, tinhareg ordni biex jitwaqqaf ix-xoghol bhal ma sar fil-kaz odjern;

Illi jigi rilevat illi dak li kkonstata r-rapprezentant tal-Awtorità gie mbaghad issustanzjat b'dokumenti pprezentati b'gurament minn rapprezentant tal-Malta Business Registry u ta' Jobsplus, mil-liema dokumenti hareg car illi l-appellat huwa d-direttur u rapprezentant legali ta' SP Building Material Limited;

Illi ghalkemm huwa minnu illi mhuwiex fatt ikkontestat illi l-haddiema li ltaqa' maghhom ir-rapprezentant tal-Awtorità ma gewx imharrka bhala xhieda u ma xehdux quddiem l- Ewwel Onorabbli Qorti, xorta jibqa' l-fatt illi dak li xehed ir-rapprezentant tal-Awtorità huwa prova ammissibbli u dan ghaliex huwa xehed fuq dak li ntqal lilu u fuq dak li ra hu stess;

Illi fuq dan il-punt dwar dak li ntqal mill-haddiema lir-rapprezentant tal-Awtorità, ssir riferenza ghal dan li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Fabio Schembri[1]": "*Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi, data, post u hin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li mehuda ma' provi u cirkostanza ohra tista' wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament li taghmel il-Qorti.*";

Illi jigi rilevat illi hareg car mill-atti processwali, illi l-haddiema li tkellmu mar-rapprezentant tal-Awtorità miferew ghall-appellat u l-kumpanija SP Building Material Limited, u meta sar kuntatt mal-istess appellat tramite telefonata, id-dettalji illi huwa ta lir- rapprezentant tal-Awtorità huma l-istess dettalji identici ghal dawk illi jinsabu fuq id- dokumentazzjoni pprezentata mir-rapprezentanti tal-Malta Business Registry (Dok QT) u ta' Jobsplus (Dok LB u LB1). Minn dawn id-dokumenti johrog car illi n-numru tal-karta tal- identità li ta lir-rapprezentant il-persuna li ghamel kuntatt mieghu, kif ukoll l-indirizz elettroniku, huma l-istess dettalji identici ghal dawk li hemm fuq id-dokumenti li jaghmlu riferenza ghar-rapprezentant ta' SP Building Material Limited;

Illi ghaldaqstant, hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn ghandna diversi provi cirkostanzjali illi qieghdin dejjem jippuntaw lejn l-appellat. Kif gie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati, "provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha?";

Illi ghaldaqstant, fil-kaz odjern, gjaldarba kien hemm dawn il-provi kollha cirkostanzjali illi qieghdin jippuntaw lejn l-appellat, umilment jigi sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellat mill-ewwel tliet akkuzi dedotti fil- konfront tieghu.

Rat l-atti tal-kawza inkluz il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat dak li gie verbalizzat mill-avukat difensur tal-appellant u cioe li ir-rikors tal-Appell tal-Avukat Generali huwa fuori termine u dan fil-verbal tal-Qorti ta' nhar il-11 ta' Mejju, 2023.

Rat illi Dr. Sean Gabriel Azopardi ghall-Avukat Generali iddikjara li huwa jaqbel mal-avukat difensur tal-appellant li r-rikors tal-appell tieghu gie pprezentat fuori termine.

Rat illi is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li nghatat nhar it-23 ta' Frar, 2023.

B'nota tas-6 ta' Marzu, 2023, (ex artikolu 414 tal-Kap 9), l-prosekuzzjoni infurmat lill-Ewwel Qorti li kienet fi hsiebha tappella minn dik is-sentenza. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax meta l-atti tal-kawza u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti gew mibghuta lill-Avukat Generali. Jirrizulta biss li r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali kien prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-29 ta' Marzu, 2023.

Issa, l-avukat difensur jiddikjara li dan ir-rikors t' Appell gie prezentat tardivament u dan bhala fatt ma hux konstatat mill-Avukat Generali.

L-**artikolu 417 (1) tal-Kodici Kriminali** Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *417. (1) L-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li ghandu jigi ipprezentat fi zmien tmint ijiem tax-xoghol, u fil-kaz ta' appell minn kawzi maqtugha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), fi zmien tnax-il jum tax-xoghol, li jibdew jghaddu, ghall-persuna misjuba hatja u ghall-kwerelant, mill-gurnata tas-sentenza definittiva, u ghall-Avukat Generali, minn dak in-nhar li jircievi l-atti:*

Fis-sentenza **il-pulizija vs Biagio Muscat** tal-14 ta' Novembru, 2013, meta l-Qorti ddecidiet dwar eccezzjoni identika ghal-dik hawn kondsiderata qalet hekk:

> *"Pero' darba l-Avukat Generali jircievi l-Atti mill-Qorti tal-Magistrati dana ghandu* ***terminu fatali***[1] *ta' tmient ijiem tax-xoghol minn dak inhar illi rcieva l-Atti tal-kawza u mhux mill-ghada li jkun ircevihom. Il-Ligi hija cara f'dan ir-rigward u tispecifika ezatt meta ghandu jibda t-terminu u cioe' minn dak inhar illi jkun ircieva l-Atti [l-Avukat Generali].....allura skont id-dispost ta' l-Artikolu 417(1) tal-Kap 9 ipoggi l-appell ta' l-Avukat Generali "fuori termini"".*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-pregudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell sollevat mill-avukat difensur, tiddikjara l-appell irritu u null billi pprezentat fuori termine u dan skont il-ligi vigenti fiz-zmien meta gie intavolat, w konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**

---

[1] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti